**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 9**

L-Erbgħa, 8 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri u l-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Jo Etienne Abela, il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Franco Mercieca, l-Onor. Alex Perici Calascione, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Nigel Vella, l-Onor. Julie Zahra u l-Onor. George Vital Zammit kienu skużati.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 8 li saret fis-7 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Jo Etienne Abela sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduti 2 sa 4 li saru bejn it-22 u l-24 ta' Ġunju 2026, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fil-Minuti ta' dawk is-seduti.

L-Ispeaker informa wkoll lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Franco Mercieca u tal-Onor. Alex Perici Calascione sabiex jidhru bħala skużati fil-Minuti tas-Seduta 7 li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2026, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fil-Minuti ta' dik is-seduta.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Michael Piccinino qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 172 Deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir dwar ilment mill-Partit Nazzjonalista kontra PBS, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2024, dwar sound on tape (SOT) fil-bulettin tal-aħbarijiet tal-1 ta' Frar 2024;

P.L. 173 Deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir dwar ilment mill-Partit Nazzjonalista kontra PBS dwar nuqqas sound on tape (SOT) fil-bulettini tal-aħbarijiet ta' TVM tat-28 ta' Frar u tal-1 u 2 ta' Marzu 2023; u

P.L. 174 Deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità tax-Xandir dwar ilment mill-Partit Nazzjonalista kontra PBS dwar rapportaġġ fil-bulettin tal-aħbarijiet tal-14 ta' Lulju 2022 tas-sentenza mogħtija mill-Qorti fil-kawża tal-PN kontra PBS, l-Awtorità tax-Xandir, l-Avukat tal-Istat u l-Ministru responsabbli mix-xandir, u tal-konferenza stampa tal-Partit Nazzjonalista dwar l-istess suġġett.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 25 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 175 Avviż Legali Nru 183 tal-2026 - Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immigrazzjoni;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 176 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Aġenzija Servizz.gov għas-sena 2025;

P.L. 177 Rapport annwali tal-Aġenzija Servizz.gov għas-sena 2025;

P.L. 178 Informazzjoni dwar is-Segretarju Permanenti Ewlieni u s-Segretarji Permanenti appuntati għad-diversi ministeri, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 59; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 179 Avviż Legali Nru 182 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 dwar Multi fuq il-Post (Residenti mhux Abitwali); u

P.L. 180 Tabella li turi informazzjoni dwar skemi ta' Xjenza Malta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 647.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-ARMI – ABBOZZ NRU 2

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Conrad Borg Manché, l-Onor. Frank Anthony Tabone u l-Onor. Toni Bezzina.

Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

Fil-5.42 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali

Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Jobsplus għas-sena 2026

Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2026

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Tieni Qari |
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026 | Votazzjoni |

Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026 — Votazzjoni

Jew xi aġenda oħra li tista’ tiġi komunikata aktar tard.

-----------------------

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi — Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Naomi Cachia.

Fis-5.58 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 13 ta’ Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**